MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2001

Citazzjoni Numru. 2665/2000/1

**Alisa MUSCAT sive Alisa MUSCAT STEVANOVIC**

**vs**

**BAM ! LIMITED *et.***

**Il-Qorti,**

Dan id-Degriet qieghed jinghata *in camera* fuq pregudizzjali preliminari mressqa mill-intimata esekutanti Alisa Muscat

*sive* Muscat Stevanovic dwar il-validita' tal-avviz tas-smiegh tar-Rikors maghmul mir-rikorrenti esekutati (paragrafu 3 tat-Twegiba taghha);

Illi l-aggravju tal-intimata jikkonsisti fil-fatt li dak l-avviz huwa null, minhabba li hija giet imsejha tidher quddiem din il-Qorti fit-23 ta' Jannar, fid-9.15 ta' filghodu, fl-Awla "X", meta l-ebda Awla fil-Qrati Superjuri ma hija mmarkata b'dik l-ittra;

Illi l-Qorti tinnota li t-Twegiba tal-intimata, minkejja li kienet tinsab f'qaghda prekarja ta' sahha, giet ippresentata fiz-zmien moghti lilha mill-Qorti u qabel id-data tas-smiegh tar-Rikors;

Illi, minbarra dan, l-Avukat tal-fiducja tal-intimata kien presenti qabel ma ssejjah ir-Rikors quddiem il-Qorti u, wara li s-smiegh gie pospost, rega' deher mill-gdid u fil-fatt ittratta din l-"eccezzjoni" preliminari;

Illi fil-kaz presenti, bhal kull procedura ohra li hija mahsuba li titlob it-tnehhija ta' Mandat mis-sehh, tinbeda b'rikors, u ladarba l-kawzali tat-talba mhix dik li l-Mandat ikun tilef is-sahha tieghu minhabba li min ikun hargu jkun naqas li jmexxi c-Citazzjoni fiz-zmien moghti, il-Qorti hija marbuta li tordna li

t-trattazzjoni ssir bi smiegh quddiemha, wara li tkun ordnat lill-parti li tkun harget il-Mandat biex tressaq il-fehma taghha dwar it-talba tar-rikorrent ghat-tnehhija tal-Mandat bil-hrug tal-Kontro-Mandat opportun;

Illi, f'din il-procedura, normalment il-Qorti tappunta l-jum tas-smiegh fl-istess Degriet li bih tordna li l-parti intimata ssirilha n-notifika tar-Rikors;

Illi, ghall-kuntrarju ta' dak li tipprovdi l-ligi dwar in-notifika tal-Att tac-Citazzjoni dwar il-konvenut [art. 182(2) tal-Kap 12], m'hemm l-ebda regola li tghid x'ghamla ghandu jkollu l-avviz tas-smiegh ta' rikors taht l-artikolu 836 tal-Kodici tal-Procedura Civili. L-obbligu wahdieni li taghmel il-ligi fuq il-Qorti hija li tisma' lill-partijiet koncernati u, minn hemm, tasal ghad-decizjoni taghha dwar it-tnehhija tal-Mandat;

Dan l-obbligu twettaq fil-fatt f'dan il-kaz u l-intimata ma garrbet l-ebda hsara b'xi nuqqas taghha jew tal-legali taghha;

Minbarra dan, fid-dawl ukoll tar-regola fondamentali tad-Dritt Procedurali li tghid li l-interpretazzjoni ta' regoli tal-procedura ghandha ssir b'mod strett u mhux *per equipollens*, wiehed irid bilfors juri fejn tinsab nullita' ta' att jekk mhux fil-parametri stretti ta' dak li jipprovdi l-Kodici tal-Procedura nnifsu;

Il-Qorti, wara li ezaminat b’reqqa l-provvedimenti kollha tal-Kodici li jistghu jitfghu dawl fuq il-kwestjoni tal-validita’ ta’ avviz tas-smiegh, issib li l-ebda wahda mic-cirkostanzi msemmija fil-ligi dwar in-nullita’ ta’ att gudizzjarju li jifforma parti minn process ta’ kawza jew ta’ rikors ma gie miksur bl-avviz impunjat mill-intimata;

Ghaldaqstant, il-**Qorti qeghda tichad l-“eccezzjoni**” **tal-intimata** dwar in-nullita’ tal-Avviz tas-Smiegh tar-Rikors bhala mhux misthoqqa u ghalhekk tordna li s-smiegh tar-Rikors jissokta bit-trattazzjoni fil-mertu;

Ir-Rikors qieghed jigi mholli ghal dan il-ghan ghas-seduta ta’ nhar il-Hamis, l-ewwel (1) ta’ Frar, 2001, quddiem din il-Qorti, jissejjah fis-1.00 ta’ wara nofsinhar.

## < Sentenza In Parte >

--------------------------------TMIEM--------------------------------